Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,466, 14 ta' Awissu, 2009
Taqsima B

A.L. 231 ta' l-2009

ATT DWAR L-INBID
(KAP. 436)

Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolament dwar id-Denominazzjoni ta' l-Oriġini u ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12, 13, 14 u 17 ta' l-Att dwar l-Inbid, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolament dwar id-Denominazzjoni ta' l-Oriġini u ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi, u dawn għandhom jinqraw ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar id-Denominazzjoni ta' l-Oriġini u ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi, hawn iżjed 'il quddiem msejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 190 ta' l-2006.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tifsira "Direttur", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:-

" "tikketta" tinkludi kull strixxa, anell jew kullar, isem tal-marka, *trade mark*, materjal muri jew li xort'oħra jagħti deskrizzjoni f'kull każ, li tkun miktuba, stampata, stensiljata, immarkata, imbuzzata jew impressa fuq jew imwaħħla ma' flixkun ta' l-inbid jew kontenitur, jew li tkun mod ieħor tidher ċar minn ġol-ippakkjar tiegħu;".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara s-subregolament (4) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:-

"(5) Kull kelma, dettal, isem tal-marka, materjal muri, simbolu jew miżura deskrittiva oħra li f'kull każ ikun juri xi post tipiku tal-Gżejjer Maltin jew postijiet oħra fil-Gżejjer Maltin, għandhom jintużaw biss għal inbid li jkun ġie ċertifikat bħala DOK jew IGT.".